# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' April, 2002**

**Appell Nru 31/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vincent Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vincent Zammit talli, bejn l-ewwel ta' Awissu, 1999 u l-ahhar ta' Settembru, 1999, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali (**1**) taht il-libsa tal-kariga tieghu esiga dak li l-ligi ma tippermettix jew izjed milli tippermetti l-ligi jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 112, 119 u 121 tal-Kodici Kriminali, u (**2**) in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda ta' rigal jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ohra, jew ta' xi vantagg iehor li ghalih ma kellux jedd, u dana bi ksur tal-Artikoli 115, 116, 119 u 121 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Vincent Zammit mit-tieni imputazzjoni, izda sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni, cioe` sabitu hati tar-reat ta' ezazzjoni kontra l-ligi[1] u kkundannatu ghall-"piena karcerarja" [**recte:** piena ta' prigunerija] ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll ikkundannatu ghall-piena ta' interdizzjoni generali temporanea ghall-periodu ta' hames snin;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Vincent Zammit, minnu ppresentat fis-7 ta' Frar, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

---

[1] Reat imsejjeh xi mindaqqiet "konkussjoni"; ara, a propositu, Falzon, G. Annotazioni alle Leggi Criminali per l'Isola di Malta e sue Dipendenze (Malta), 1872, pagna 239 *et seq.* Ara wkoll Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II Giuffre` (Milano), 1986, p. 778.

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-Gimgha, 19 ta' April, 2002; ikkunsidrat:

Kif inghad, dana l-appell hu limitat ghall-piena inflitta mill-ewwel qorti. Bazikament il-fatti kienu li l-appellant, li kien *enforcement officer* mal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma, kien qal lil certa Antonia Attard Gialanze li hija kellha xi irregolarita` fir-rigward tal-konsum ta' l-ilma u li l-kaz taghha kien ser jispicca l-qorti. Huwa talabha mitejn lira biex jirrangalha, u senjetament biex il-*file* taghha jqattghu. Hija irrifjutat li thallsu, u addirittura rrapurtatu lill-awtoritajiet.

L-appellant qed jippretendi li l-ewwel qorti ma kellhiex tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija sospiza u interdizzjoni generali temporanea izda kellha taghtih *conditional discharge* taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152. In sostenn ta' dina l-pretensjoni tieghu l-appellant isemmi (1) l-fatt li dan kien incident isolat f'hajtu (ir-reat li tieghu huwa instab hati ma kienx ta' natura kontinwata), (2) li Attard Gialanze ma sofriet ebda hsara pekunjarja jew tilfet xi dritt iehor spettanti lilha, (3) li ghandu fedina penali nadifa, (4) li ghandu familja xi jmantni, u (5) li b'liberazzjoni taht kundizzjoni "tkun saret gustizzja u inholoq bilanc bejn l-interessi varji". Fil-kors tat-trattazzjoni tieghu l-abbili difensur ta' l-appellant, Dott. Ian Farrugia, fisser li sar xi arrangament li bih l-appellant seta' jkompli jahdem mal-imsemmija Korporazzjoni kemm il-darba ma jkunx hemm "piena", specjalment dik ta' l-interdizzjoni.

Issa, din il-Qorti la tista`, u anqas sejra, tindahal lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma jew lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar lil min jimpjegaw jew jergghu jimpjegaw, jew lil min izommu fl-impieg jew ikeccu mill-impieg. Il-Qorti ghandha necessarjament tassumi, salv prova kuntrarja, li kemm il-Korporazzjoni kif ukoll il-Kummissjoni huma entitajiet serji u li jaghmlu xogholhom kif suppost. Jibqa' l-fatt pero, kif tajjeb irrilevat l-ewwel qorti, li dak li ghamel l-appellant huwa att li direttament jattakka l-fiducja fl-amministrazzjoni pubblika. Sia jekk dak li ghamel l-appellant jammonta ghal konkussjoni – u l-appellant qieghed jaccetta li dan hu hekk – u sia jekk jammonta ghal tentattiv ta' korruzzjoni taht l-Artikolu 115, l-agir ta' l-appellant huwa wiehed li ebda amministrazzjoni pubblika serja ma tista' taccetta. Anke li kieku dak li ghamel l-appellant addirittura ma jikkwalifikax bhala reat, din il-Qorti ghandha ghaliex tahseb li l-awtorita` pubblika kienet tiehu l-mizuri kollha biex tali eghmil jigi censurat minghajr mezzi termini u li min kien responsabbli jigi punit anke jekk semplicement b'mod amministrattiv. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tbiddel il-piena erogata mill-ewwel qorti f'*conditional discharge*. L-unika haga li din il-Qorti sejra tbiddel hija l-periodu tal-interdizzjoni generali temporanea, li f'dan il-kaz inghtat ghall-periodu massimu ta' hames snin (Art. 10(5), Kap. 9). Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li dina l-interdizzjoni m'ghandhiex tkun ta' aktar minn tlett snin.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' interdizzjoni generali temporanea ghall-periodu ta' hames snin, u minflok tikkundannah ghal interdizzjoni generali temporanea ghall-periodu ta' tlett snin mill-lum; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

U peress li, evidentement bi zvista, l-ewwel qorti naqset milli tordna l-pubblikazzjoni tas-sentenza skond is-subartikolu (7) ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 9, din il-Qorti tordna il-pubblikazzjoni ta' din is-sentenza (cioe` is-sentenza tal-lum) fil-Gazzetta tal-Gvern skond il-ligi.

Aldo Testone
Dep. Registratur